

Il-Banda Viżitazzjoni mill-Pjazza tal-Knisja Bażilika fi triqtha lejn il-Knisja taż-Żejt, takkumpanja b'daqq ta' marċi l-qniepen il-ġodda

# Ifakkru l-ewwel sena ta' ħidma

Ix-*Xagħra Scout Group* fakkru egħluq l-ewwel sena mir-riattivazzjoni tiegħu. Dan sar bħala parti mill-festi ċentinarji marbuta ma' San Ġwann Bosco patrun taż-żgħażagħ.

Iċ-ċerimonja bdiet b'parata miċ-Ċentru taż-Żgħażagħ sal-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina, fejn l-Arċipriet u ċ-*Chaplain* tal-Grupp Mons. Carmelo Refalo mexxa quddiesa konċelebrata ta' Radd il-Ħajr flimkien ma' Fr. Jesmond Gauci.

L-Arċipriet wara li għamel l-omelija dwar il-Vanġelu tal-ġurnata, introduċa tliet leaders tal-Grupp, Josmar Azzopardi (Akela), Daniela Sultana (Raksha) u Loraine Borg (Chil), li lkoll taw tifsira mill-esperjenza tagħhom tal-wegħda tal-iScouts, jiġifieri, kif fil-kuntest tal-Vanġelu li nqara dak inhar, qed jaqdu dmirhom lejn Alla, lejn Art Twelidhom u li jgħinu lil ħaddieħor f'kull ħin.

Qabel il-Kredu il-Grupp *Scout Leader* Vincent Vella mexxa wkoll iċ-ċerimonja tat-tiġdid tal-wegħda ta' lealtà lill-75 membru preżenti.

Imbagħad waqt l-offertorju ttella' u tpoġġa bukkett fjuri bojod quddiem l-istatwa ta' Marija Bambina bħala ringrazzjament ta' dan l-ewwel Anniversarju.



Il-Grupp Scout Leader Vincent Vella jidher imexxi ċ-ċerimonja tat-tiġdid tal-wegħda ta' lealtà lil-75 *Scout* preżenti. Jidher ukoll Fr Jesmond Gauci



*Waqt it-tlugħ tal-offerti. L-aħwa Julie u Deborah Sultana jwasslu fuq l-artal banner magħmula għall-okkażjoni ta' dan l-ewwel anniversarju mill-membri kollha tax-Xagħra Scout Group. Jidhru qegħdin jiġu milqugħa mill-Arċipriet tal-Parroċċa Carmelo Refalo*



*Ix-Xagħra Scout Group fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina*

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, idoqq waħda mill-qniepen*

# Qniepen ġodda għall-Knisja taż-Żejt

Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex bierek żewġ qniepen ġodda għall-Knisja taż-Żejt fl-Għarb.

Waħda minn dawn il-qniepen ser tieħu post iż-żgħira nota *Mi* li għandha ħsarat estensivi u l-oħra bin-nota *Re* ser tingħaqad mal-kumplament sabiex il-kampnar jibda jospita tliet qniepen flok tnejn. Iż-żewġ benefatturi huma Mons. Benedict Camilleri u s-Sindku tal-lokalità tal-Għarb, David Apap.

Il-qniepen ingħataw l-ismijiet ta' Vincenza u ta' Maria Karmena.

Saru diversi diskorsi fosthom minn Mons. Isqof Cauchi u mir-Rettur tal-Knisja l-Kanonku Akille Cauchi kif ukoll mis-Sindku Apap u minn Jesmond Mercieca f'isem Mons. Benedict Camilleri li jinsab fuq ħidma pastorali fl-Awstralja.

Joseph Cassar qara poeżija li ġġib l-isem ta' Doqqu Qniepen Doqqu, kitba ta' Raymond Grech.

Il-qniepen inġarru fuq trakk f'korteo bis-sehem tal-Banda Viżitazzjoni, mill-Knisja Parrokkjali ta' Santa Eliżabbetta.

Il-programm tmexxa minn Alison Refalo.



*Joseph Cassar*



*Raymond Mercieca*


**For all your insurance needs:**
**Superannuation, Rollovers and Investments**
**AMP FINANCIAL CENTRE**
**Proprietor: Charles Agius Pty. Ltd.**
A 64 003 141 562



- Charles has been a top performing financial planner with AMP for 25 years
- Also advice on investment and all types of insurance

AMP

- Ring now for confidental analysis on pension entitlement.

*AMP can help you NOW*
111, Main Street, Blacktown NSW
Tel. No. 9672 4558 or 9672 4800